

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Medjazzjoni](#) > [Medjazzjoni Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Czechia](#)

Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Iċ-Ċekja

Iċ-Ċekja



Minflok tmur il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwim bil-medjazzjoni? Din hija forma ta' riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim (alternative dispute resolution — ADR), fejn medjatur jgħin lill-partijiet fit-tilwima jilħqu ftehim. Il-vantaġġ li tuża l-medjazzjoni huwa l-ħin li tiffirka meta tuża din il-forma ta' soluzzjoni tat-tilwim (b'paragun ma' każ fil-qorti, li jieħu fit-tul) u ta' spiss frankar finanzjarju (meta mqabbel mal-ispejjeż ta' kawża l-qorti).

Lil min għandek tikkuntattja?

Is-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka (*Probační a mediační služba ČR*) huwa l-korp ċentralizzat responsabbli mill-medjazzjoni bħala mezz biex jiġu trattati l-konsegwenzi ta' reat kriminali bejn it-trasgressur u l-vittma fi proċedimenti kriminali. Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka huwa responsabbli minn dan is-servizz.

Għall-medjazzjoni fi kwistjonijiet tal-liġi ċivili, tista' tikkuntattja wieħed mill-medjaturi li joffru dak is-servizz. Tista' ssib il-kuntatti tal-medjaturi li jaħdmu fir-Repubblika Ċeka f'diversi websajts billi ddaħħal il-kelma tat-tfittix 'medjazzjoni'.

Tista' ssib lista ta' medjaturi, pereżempju fil-websajts tal-Assoċjazzjoni Ċeka tal-Medjaturi, l-Assoċjazzjoni Ċeka tal-Avukatura u l-Unjoni tal-Proċeduri tal-Arbitraġġ u tal-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka. Wieħed jista' jsib il-kuntatti tal-professionisti li jaħdmu taħt il-mandat tal-qrati distrettwali rilevanti fil-websajt tas-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka.

Lista ta' medjaturi rreġistrati skont l-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni, miżmuma mill-Ministeru tal-Ġustizzja, hija disponibbli [hawnhekk](#).

Għadd ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u entitajiet oħra li jaħdmu fil-qasam tal-medjazzjoni.

F'liema oqsma huwa ammissibbli jew l-aktar komuni l-użu tal-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'kull qasam tal-liġi, barra fejn hija eskluża bil-leġiżlazzjoni. Dan jinkludi l-liġi tal-familja, il-liġi kummerċjali u l-liġi kriminali. Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-imħallef li jkun qed jippresjedi jista', jekk ikun prattiku u xieraq, jordna lill-partijiet fil-proċedimenti jagħmlu laqgħa inizjali ta' tliet sigħat ma' medjatur. F'dawn il-każijiet, il-proċedimenti jistgħu jiġu sospiżi sa tliet xhur.

Hemm xi regoli speċifiċi li jridu jiġu segwiti?

Iva, il-medjazzjoni hija rregolata kemm mill-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni kif ukoll, fil-qasam tal-proċedimenti kriminali, mill-Att Nru 257/2000 dwar is-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka.

Informazzjoni u taħriġ

Medjatur irreġistrat li jaħdem skont l-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni jkollu jgħaddi minn eżami professjonali quddiem kummissjoni maħtura mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Medjatur li jaħdem fi ħdan il-mandat tas-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni skont l-Att Nru 257/2000 dwar is-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka jrid jgħaddi b'suċċess minn eżami ta' kwalifika.

It-taħriġ tal-medjaturi li jaħdmu fis-sistema tal-ġustizzja kriminali jitwettaq mis-Servizzi tal-Probation u l-Medjazzjoni; it-taħriġ fil-qasam tal-medjazzjoni mhux kriminali huwa offrut minn firxa ta' korpi u istituzzjonijiet edukattivi.

Kemm tiswa l-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni pprovduta mis-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni hija bla ħlas, jew l-ispejjeż jitħallsu mill-Istat.

Jekk qorti tissospendi l-proċedimenti f'kawża ċivili u tordna lill-partijiet jorganizzaw laqgħa inizjali ma' medjatur, l-ewwel tliet sigħat tal-laqgħa tal-medjazzjoni jitħallsu bir-rata stabbilita fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni (CZK 400 għal kull sigħa mibdija), u din it-tariffa tiġi kondiviża miż-żewġ partijiet b'mod ugwali (jekk il-partijiet ikunu eżentati mit-tariffi tal-qorti, dawn jitħallsu mill-Istat). Jekk il-medjazzjoni testendi lil hinn minn tliet sigħat, l-ispejjeż ulterjuri jinqasmu ugwalmart bejn iż-żewġ partijiet, bl-ammont miftiehem bejn il-medjatur u l-partijiet fil-medjazzjoni (jiġifieri fil-proċedimenti).

Huwa possibbli li l-ftehim li jirriżulta mill-medjazzjonili jiġi infurzat?

Id-[Direttiva 2008/52/KE](#) tippermetti li dawk involuti fit-tilwima jirrikjedu li ftehim bil-miktub li joħroġ minn medjazzjoni jsir infurzabbli. Ftehim bejn il-partijiet fil-medjazzjoni f'kawża ċivili jista' jiġi ppreżentat lill-qorti għall-approvazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ulterjuri. Ir-riżultati tal-medjazzjoni li tkun saret fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali mis-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni jistgħu jitqiesu mill-prosekutur pubbliku u mill-qorti fid-deċiżjoni tagħhom fil-każ partikolari.

L-aħħar aġġornament: 14/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.